# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 17 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 22.
Citazz. Nru. 1402/99 JRM

**NATVIC LIFTS & SERVICES Ltd.**

**vs**

**Anthony BUSUTTIL sive Tony ROBERTS u LENA INVESTMENTS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2150 (elfejn mija u hamsin liri maltin) rappresentanti l-prezz ta' apparat ta' lift, ossia "dumb waiter" mibjugh u nstallat fuq ordni tal-istess socjeta' konvenuta u dana skond kuntratt ta' bejgh datat l-20 ta' Gunju 1992, liema kuntratt qed jigi esebit mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok ; u

Illi ai termini tal-klawsola numru sebgha tal-istess kuntratt ta' bejgh, il-konvenut personalment iggarantixxa in solidum l-obbligazzjonijiet kuntratti mis-socjeta' konvenuta; u

Illi l-konvenuti gew interpellati jhallsu s-somma dovuta lis-socjeta' attrici, permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Mejju 1998 izda baqghu inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, prevja jekk hemm bzonn li tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli in solidum ghall-hlas tas-somma dovuta lis-socjeta' attrici:

1. Tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu s-somma ta' Lm2150 (elfejn, mija u hamsin liri maltin) dovuti lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' appart ta' lift ossia "dumb waiter" mibjugh u istallat fuq ordni tas-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Mejju 1998 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu s-somma ta' Lm2150 (elfejn, mija u hamsin lira maltin) dovuti lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' apparat ta' lift ossia "dumb waiter" mibjugh u istallat fuq ordni tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Mejju 1998 u bl-imghaxijiet kummercjali, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Mejju, 2001.**